MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Numru. 133/2001

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO BARTOLO
VS
EMANUEL MONTESIN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Emanuel Montesin, ta' 37 sena. Iben Arthur u Mary nee' Abela, imwieled Pieta' nhar il-25 ta' Mejju 1963, residenti Flat 5, Entrance E, Binja Hesri, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 288263(M).

Billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perijodu ta' bejn il-11 ta' Dicembru 1993 u s-27 ta' Jannar 1999, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda:

1) F’xi hin bejn is-1.00 ta’ wara nofs in-nhar tal-11 ta’ Dicembru 1993 u t-7.45 ta’ filghodu tal-14 ta’ Dicembru 1993 waqt li kien f’Kordin, ikkommetta serq ta’ xi flus u ghodda, mill-fabbrika bl-isem “J. and A. Bonnici,” sitwata fil-Qasam Industrijali ta’ Kordin, liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ l-imsemmija fabbrika huwa kkwalifikat bil-hin, mezz u valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;
2) Kif ukoll, fl-istess perijodu ta’ zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija imma mhux aktar minn hames mitt lira Maltin saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-fabbrika bl-isem “J. and A. Bonnici.”;
3) Kif ukoll f’xi hin bejn il-12.15 ta’ wara nofs in-nhar tat-3 ta’ Mejju 1997 u s-7.05 ta’ filghodu tal-5 ta’ Mejju 1997 waqt li kien Hal Luqa ikkommetta serq mill-fabbrika bl-isem “Sand Piper A-12” ta’ xi hwejjeg u ta’ xi xorb alkoholiku, liema serq li huwa kwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija kif ukoll bil-hin, kif ukoll bil-mezz, sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ l-imsemmija fabbrika;
4) Kif ukoll fl-istess perijodu ta’ zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin imma mhux aktar minn hames mitt lira Maltin saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-fabbrika bl-isem “Sand Piper A-12”;
5) Kif ukoll f’xi hin, matul il-perijodu ta’ bejn is-1.30 ta’ wara nofs in-nhar tal-21 ta’ Novembru 1998 u s-7.00 ta’ filghaxija tat-22 ta’ Novembru 1998, waqt li kont il-Marsa, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti mill-kanteen tal-fabbrika bl-isem “Valletta Light Clothing Co. Ltd”, liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ l-imsemmija fabbrika, huwa kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, bil-mezz, kif ukoll bil-hin;
6) Kif ukoll fl-istess perijodu ta’ zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamle hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija imma mhux aktar minn hames mitt lira Maltija saret ghad-detriment

tad-dirigenti tal-fabbrika bl-isem “Valletta Light Clothing Co. Ltd”;

7) Kif ukoll f’xi hin bejn l-4.15 ta’ wara nofs in-nhar tas-27 ta’ Jannar 1999 u s-7.30 ta’ filghodu tat-28 ta’ Jannar 1999, waqt li kien il-Marsa kkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom xi ghodod, mill-fabbrika bl-isem “Polyfoam” liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ l-imsemmija fabbrika huwa kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija bil-mezz, kif ukoll bil-hin;

8) Kif ukoll fl-istess perijodu ta’ zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija imma mhux aktar minn hames mitt lira Maltija saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-fabbrika bl-isem “Polyfoam”;

9) Kif ukoll talli f’zewg okkazjonijiet, matul il-perijodu ta’ bejn is-sena 1995 u 1996, waqt li kien f’Kordin, ikkommetta serq ta’ diversi ghodod mill-fabbrika “International Cane Factory KW 28”, liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ l-imsemmija fabbrika, huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;

10) Kif ukoll, fl-istess perjodu ta’ zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltija imma mhux aktar minn hames mitt lira Maltija saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-fabbrika bl-isem “International Cane Factory”;

11) Kif ukoll talli matul il-perjodu ta’ bejn il-11 ta’ Dicembru 1993 u s-27 ta’ Jannar 1999, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwista b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta u cioe’ diversi ghodod u oggetti ohra, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn serq ikwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;

12) Kif ukoll talli matul dan il-perijodu ta’ zmien, irrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat tat-12 ta’ Frar, 2009;

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Rat l-Artikoli ta’ l-Avukat Generali (a fol.376) taht liema artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-Verbal tad-9 ta’ Dicembru 2008 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni ta’ l-imputat, Emanuel Montesin, il-Qorti ssib lill-imputat, Emanuel Montesin hati skond l-akkuza ghajr l-akkuza alternattiva tar-ricettazzjoni u wara li rat l-Artikli 261, 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 281, 325, 49, 50, 17, 23, 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijier ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat Emanuel Montesin taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista ta’ zmien konsiderevoli illi hadu dawn il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif diversament presedut u wara illi l-Qorti

hadet in konsiderazzjoni tal-fatti spece kollha tal-kaz inkluz l-ammont irrizorju illi l-imputat akkwista mis-serq fuq indikat.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------